MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Numru. 988/2011

**PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**KARL BONACI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Karl Bonaci detentur tal-karta tal-identita` 194571 M.

**Akkuzati talli:**

Bejn Gunju 2004 u Ottubru 2006 f'dan il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta` 'Network Enterprises Limited, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta` €19,149.78, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ipprovati mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat hati u wara li rat il-ko-operazzjoni kompleta tal-imputat mal-awtoritajiet tikkundannah twiddiba u canfira a tenur tal-Artikolu 7 (2)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------